# FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 27 ta’ Ġunju, 2019**

**Kawża Nru. 23**

**Rik. Nru. 430/2013 JRM**

Rhys Lee **BUTTIĠIEĠ**

vs

**KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-7 ta’ Mejju, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (i) issib li d-deċiżjoni tal-Kummissarju mħarrek, li jimplimenta l-jedd tal-ewwel rifjut f’sejħa għall-offerti dwar art tal-Gvern biex tingħata konċessjoni enfitewtika għal użu kummerċjali, ittieħdet bi ksur tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) u (iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; (ii) tikkumpensahminħabba dak l-għemil u tillikwida l-kumpens mistħoqq; u (iii) tikkundanna lill-Kummissarju mħarrek iħallsu b’kumpens l-ammont hekk likwidat. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Mejju, 2013[1], li bih ordnat in-notifika lill-Kummisarju mħarrek u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-12 ta' Ġunju, 2013, li biha l-Kummissarju mħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li d-Direttur tal-Artijiet mhux il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni attriċi għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u d-disposizzjonijiet tal-Kap. 169. Fil-mertu, laqa' billi ċaħad li kiser il-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew il-ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv li minnu jilminta l-attur. Jiċħad ukoll li abbuża mis-setgħa mogħtija lilu jew li d-deċiżjoni ttieħdet għal għanijiet mhux xierqa jew imsejsa fuq kunsiderazzjonijiet mhux relevanti. Il-Kummissarju mħarrek jgħid illi d-deċiżjoni li jingħata d-dritt ta' l-ewwel rifjut hija regolata mill-politika ('*policy*') tad-Dipartiment, kif ukoll illi l-attur ma kellu ebda dritt jippretendi li tintgħażel l-offert tiegħu ladarba saħansitra anke l-ogħla offerta setgħet tiġi rifjutata, żewġ ċirkostanzi li jissemmew fil-ħruġ tal-offerta u li l-attur kien jaf bihom mill-bidu nett. Illi huwa ma ħoloq ebda dannu lill-attur u għaldaqstant m'għandux ikun responsabbli għal ħlas ta' danni, barra l-fatt illi d-danni huma spekulattivi u m'humiex dovuti skond il-liġi;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Ottubru, 2013, li bih laqgħet t-talba magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tas-27 ta' Settembru, 2013, biex isem l-imħarrek ikun indikat bħala "il-Kummissarju tal-Artijiet"[2];

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat difensur tal-imħarrek li biha, fid-dawl tad-degriet imsemmi, irtira l-ewwel eċċezzjoni preliminari mqajma minnu;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Diċembru, 2013[3], li bih ħatret lill Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' l-provi tal-partijiet;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Mejju, 2015[4], li bih ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni tal-għeluq bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attur tas-17 ta' Ġunju, 2015[5];

---

[1] Paġ. 46 tal-proċess
[2] Paġ. 60 tal-proċess
[3] Paġ. 78 tal-proċess
[4] Paġ. 170 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju mħarrek tas-6 ta' Awwissu, 2015[6], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Semgħet it-trattazzjoni tal-għeluq mill-avukati tal-partijiet[7];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju. L-attur jilmenta minn deċiżjoni meħuda mill-Kummissarju mħarrek u jqis li dak l-għemil imur lil hinn mis-setgħat ('*ultra vires*') tal-istess Kummissarju taħt il-liġi. L-attur jgħid li l-imħarrek naqas fil-konfront tiegħu meta, f'sejħa pubblika għall-offertti għal konċessjoni enfitewtika ta' art pubblika, laqa' offerta ta' konkorrent terz minkejja li l-offerta tiegħu kienet l-ogħla waħda, kif ukoll illi ttieħdet id-deċiżjoni li tiġi eżerċitata l-politika tal-jedd tal-ewwel rifjut meta dan ma kienx mistħoqq. L-attur jilmenta wkoll illi l-Kummissarju mħarrek baqa' ma tahx spjegazzjonjiet xierqa dwar l-għoti tal-offerta lit-terz, u dan bi ksur tal-prinċipji tal-ħaqq naturali;

Illi l-Kummissarju mħarrek, minn naħa l-oħra, fil-mertu jilqa' għal din l-azzjoni billi jgħid li ma kien hemm ebda ksur min-naħa tiegħu tal-prinċipji tal-ħaqq naturali jew tal-ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv, lanqas li kien hemm abbuż mis-setgħa mogħtija lilu jew li d-deċiżjoni ttieħdet għal għanijiet mhux xierqa jew kienet imsejsa fuq kunsiderazzjonijiet mhux relevanti;

Illi bħala <u>fatti relevanti</u> illi joħorġu minn din il-kawża jirriżulta li fit-13 ta' Lulju, 2012[8], inħarġet sejħa pubblika għall-offerti għal għotja ta' ċens temproanju, għal perjodu ta' ħamsa u sebgħin (75) sena, ta' art pubblika tal-Gvern, fi Triq id-Dragonara, San Ġiljan. L-iskop wara din l-għotja kien il-bini taħt l-art fuq livell ta' żewġ sulari ta' parkeġġ tal-karozzi, ġnien u *information booth* fil-livell tat-triq u t-tmexxija ta' dak is-sit kif hekk żviluppat. L-ebda offerta ma kellha tkun anqas minn tlieta u ħamsin elf ewro (€35,000). L-offerta kienet tagħlaq fit-2 ta' Awwissu, 2012;

---

[5] Paġġ. 175 – 183 tal-proċess
[6] Paġġ. 186 – 194 tal-proċess
[7] Paġ. 198 tal-proċess
[8] Dok. "A" f'paġġ. 21 – 6 tal-proċess

Illi għal dik is-sejħa ntefgħu seba’ offerti, bl-ogħla waħda finanżjarjament vantaġġuża tkun dik tal-attur bl-ammont ta’ sebgħa u sittin elf, u seba mitt ewro (€67,700), filwaqt illi l-anqas offerta mitfugħa kienet dik tal-kumpannija Peninsula Investments Limited fl-ammont ta’ erbghin elf ewro (€40,000)[9];

Illi l-offerta ngħatat lill kumpannija Peninsula Investments Limited, waħda minn tlett kumpannija li talbu li jiġi eżerċitat favur tagħhom il-jedd ta’ l-ewwel rifjut[10], iżda għal prezz ta’ sebgħa u sittin elf, u seba’ mitt ewro (€67,700)[11], jiġifieri għal somma daqs kemm kien offra l-attur;

Illi d-deċizjoni li l-konċessjoni tingħata lil din l-aħħar kumpannija ttieħdet wara li l-kumitat aġġudikattiv evalwa r-rapport[12] ta’ żewġ periti indipendenti, kif ukoll wara li ħa parir tekniku intern[13]. L-imħarrek straħ ukoll fuq il-politika[14] (‘*policy*’) li kien iħaddan id-Dipartiment tal-Artijiet dwar iċ-ċirkustanzi meta setgħet tintlaqa’ talba mressqa minn konkorrent għat-tħaddim tal- jedd ta’ l-ewwel rifjut f’sejħa għall-offerti, speċifikatament il-politika bin-numru 2, 9 u 17;

Illi jirriżulta illi fis-sejħa għall-offerti, l-applikanti ġew mgħarrfa b’dan il-jedd, kif ukoll bil-jedd illi d-Direttorat żamm favur tiegħu li ma jilqax ebda offerta, ukoll jekk tkun finanzjarjament l-aktar waħdas vantaġġuza[15]. L-attur ma talabx il-jedd ta’ l-ewwel rifjut favur tiegħu;

Illi billi d-deċiżjoni aħħarija damet ma ttieħdet, l-attur talab informazzjoni dwar il-proċess tal-aġġudikazzjoni lill-Kummissarju mħarrek[16]. L-attur jgħid li dam tlett xhur biex ingħata din l-informazzjoni[17];

Illi l-attur ressaq protest ġudizzjarju fil-15 ta’ Jannar, 2013[18], u l-Kummissarju wieġeb b’kontro-protest tal-4 ta’ Frar, 2013[19]. Madankollu, l-attur jgħid li t-tagħrif li ngħata ma kienx sodisfaċenti[20];

Illi l-attur fetaħ il-kawża f’Mejju tal-2013;

---

[9] Dok. “MS1” f’paġ. 84 tal-proċess
[10] Dok. “MS2” f’paġ. 85 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta’ Mario Spiteri f’paġ. 90 tal-proċess
[11] Ara x-xhieda ta’ Iman Schembri f’paġ. 130 tal-proċess
[12] Dok. “IS4” f’paġġ. 114 – 126 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta’ Iman Schembri f’paġ. 128 tal-proċess
[13] Dok. “IS” f’paġ. 112 tal-proċess. Ara wkoll Dok. “MS2” f’paġ. 85 tal-proċess u x-xhieda ta’ Mario Spiteri f’paġ. 163 tal-proċess
[14] Dok. “Ġ” f’paġġ. 37 – 43 tal-proċess
[15] Ara artikolu 6 u 5 tas-sejħa tal-offerta f’paġ. 22 tal-proċess
[16] Xhieda tal-attur f’paġ. 79 tal-proċess
[17] Ara xhieda ta’ Mario Spiteri f’paġġ. 164 – 5 tal-proċess, Dok. “B” f’paġ. 72, Dok. “MSX” f’paġġ. 156 – 9 tal-proċess
[18] Dok “RB6”, f’paġġ. 18 – 20 tal-proċess
[19] Dok. “RB7” f’paġ. 76 – 7 tal-proċess
[20] Affidavit tal-attur f’paġ. 63 tal-proċess

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis il-kwestjoni fil-mertu. F'kawża ta' din ix-xorta, il-konsiderazzjonijiet ta' natural legali huma marbutin ma' għemil amministrattiv li l-parti attriċi qed tattakka;

Illi fl-**ewwel talba attriċi**, l-ilmenti tal-attur huma tnejn: l-ewwel, li matul il-proċess tal-aġġudikazzjoni, baqa' ma ngħata l-ebda tagħrif dwar kif kien miexi l-proċess tal-għażla u dan bi ksur tal-prinċipji tal-ħaqq naturali; it-tieni lment huwa li ttieħdet deċiżjoni li jingħata d-dritt ta' l-ewwel rifjut bħala parti mill-politika ('*policy*') li l-Gvern iħaddan f'każijiet fejn tinħareġ sejħa għal offerti. L-attur jgħid li d-deċiżjoni hija waħda abbużiva li tmur lil hinn mis-setgħat mogħtija lill-imħarrek, kif ukoll li d-deċiżjoni ttieħdet għal għanijiet mhux xierqa jew imsejsa fuq kunsiderazzjonijiet mhux relevanti;

Illi ma hemm ebda kontestazzjoni li s-sit li dwaru nħarġet is-sejħa għall-offerti tagħmel minn ġid tal-Gvern jew immexxi minnu. F'każ bħal dan, l-imħarrek Kummissarju tal-Artijiet huwa l-persuna li l-liġi tagħti s-setgħa li jamministra l-ġid li minnu jagħmel il-Gvern[21]. L-għażla li jilqa' talba marbuta mal-jedd tal-ewwel rifjut hija setgħa illi ngħatatlu taħt l-Iskeda annessa mal-Kap. 268 tal-Liġijiet ta' Malta[22]. L-istanzi meta dan il-jedd jista' jingħata huma mfassal f'politika ('*policy*') dettaljata li taħta jaqgħu, fost oħrajn, it-trasferiment ta' biċċiet żgħar ta' art li waħedhom ekonomikament mhumiex żvilupabbli, jew li jkun aħjar mill-aspett ta' ippjanar jekk jingħaqdu ma' ġid adjaċenti, kif ukoll meta t-trasferiment ta' l-art tkun meħtieġa sabiex jiġi estiż negozju diġà mwaqqaf, kemm-il darba minn din l-estenzjoni tkun ser tibbenifika l-ekonomija tal-pajjiż, u l-Gvern ikun konvint minn dan l-għan aħħari[23];

Illi l-Qorti ma tindaħalx fil-mertu tad-deċiżjoni ('*policy*') li tkun ħaddnet l-amministrazzjoni jew awtorità pubblika dwar xi pjan jew proġett, sakemm ma tigix imħaddma b'mod lil hinn ('*ultra vires*') mis-setgħat mogħtija lil dik l-awtorità li tkun ħaddmet dik l-għazla. Fi kliem l-awturi: "*As a general principle it can be said that the courts do not concern themselves with the wisdom of a particular decision; they cannot examine the merits. They can, however, examine whether a public body has exceeded the powers given to it so that its decision is ultra vires or whether the procedure followed in reaching a decision was flawed by a failure to observe the principles of natural justice*" [24];

Illi bl-istess mod, il-Qorti ma tistax tistħarreg dwar kemm kellu jitħallas il-kumpens għat-teħid ta' l-art. Din hija materja illi taqa' fil-kompetenza tal-Gvern, għaliex huwa l-Gvern illi jaf x'inhuma l-ħtiġijiet soċjali

---

[21] Art. 2 tal-Kap. 169

[22] Para10. Dritt tal-ewwel rifjut: "*Offerti għal trasferiment ta' art tal-Gvern jistgħu jsiru soġġetti għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut (right of first refusal) f'kull każ li l-Gvern jidhirlu xieraq li għandu jingħata dak id-dritt lil xi persuna*"

[23] Klawsola 17(ii) u (ix) tat-Trasferiment ta' Proprjetajiet tal-Gvern li Mhumiex Residenzjali, f'paġ. 42 tal-proċess

[24] Hood Phillips and Jackson, "O.Hood Phillips' Constitutional and Administrative Law" (7th Edition 1987) paġ. 661

u ekonomiċi tal-pajjiz u mogħti r-responsabbiltà li jwettaqhom. Hawnhekk ukoll, l-awturi jgħallmu li: "*The principle of separation of powers confers matters of social and economic policy upon the legislature and not the judiciary. Courts should therefore avoid interfering with the exercise of discretion by elected officials or their appointees when its aim is the pursuit of policy. It is not for judges to weigh utilitarian calculations of social, economic or political interference*"[25];

Illi madanakollu, meta l-Qorti tintalab biex tistħarreġ għemil amministrativ trid tara li dak l-għemil ikun twettaq sewwa. B'dan wieħed jifhem li (a) l-għemil ikun sar taħt jew bis-saħħa ta' liġi, (b) minn persuna jew awtorità li tkun ingħatatilha dik is-setgħa bil-ligi, u (ċ) li hi u twettaq tali setgħa dik il-persuna jew dik l-awtorità tkun inqdiet biha b'mod li ma tużahiex ħażin jew għal għanijiet mhux xierqa. Fejn it-twettiq ta' xi setgħa jġib miegħu l-użu ta' diskrezzjoni, l-ligi trid ukoll li dik id-diskrezzjoni tissejjes fuq kunsiderazzjonijiet rilevanti b'ħarsien tar-regoli ta' ġustizzja naturali[26];

Illi jibqa' wkoll il-fatt li meta Qorti tintalab tistħarreg għemil amministrativ, hija tista' u għandha tgħarbel kif l-awtorità pubblika tkun ħaddmet id-diskrezzjoni tagħha u ta' xiex tkun ħadet kunsiderazzjoni f'dak l-eżerċizzju[27], iżda l-Qorti ma għandha qatt tissostitwixxi b'tagħha d-diskrezzjoni li hija bil-liġi mħollija f'idejn dik l-awtorità[28]. U għalhekk, sakemm dan l-eżerċizzju jibqa' wieħed "ta' kassazzjoni", il-Qorti ma tindaħalx dwar jekk id-deċiżjoni jew l-għemil imwettaq ikunx wieħed sostantivament korrett, sakemm ikun formalment raġonevoli u jaqa' fil-limiti tas-setgħat mogħtija lil dik l-awtorità li tkun wettqet l-istess għemil"[29];

Illi jirriżulta mill-provi mressqa mill-partijiet li l-Kummissarju mħarrek qatagħha li jilqa' t-talba mressqa minn wieħed minn tliet offerenti sabiex jingħatalu l-jedd tal-ewwel rifjut, iżda din id-deċiżjoni ma ħadhiex minn rajh iżda wara li ngħata parir tekniku mħejji minn persuni professjonali li, fil-fehma furmata tagħhom, fost it-tlett offerenti, l-offerta li kellha tintlaqa' kienet dik imressqa mill-kumpannija Peninsula Developments Limited, li kienet tmexxi stabbiliment kummerċjali biswit l-art maħruġa bis-sejħa għall-offerti bl-isem ta' *Westin Dragonara Resort*;

Illi l-attur jgħid illi l-art, għalkemm tmiss mal-ġid fuq imsemmi ġestit mill-kumpannija Peninsula Developments Limited, la hija żgħira u lanqas

---

[25] Wolf, Jowell,Le Suer, De Smith, "<u>*De Smith Judicial Review*</u>" (6th Edt, 2007), par.1-026
[26] App. Ċiv. **9.3.2007** fil-kawża fl-ismjiiet ***Lawrence Borġ vs Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta et***
[27] P.A. GV **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Attard vs Enemalta*** Corporation (mhix appellata)
[28] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Psaila vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix appellata)
[29] App. Ċiv. **3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Maltese Cross Co Ltd vs Mark Schembri et***

seta' jingħad li minn din il-konċessjoni enfitewtika kienet ser tibbenifika l-ekonomija tal-pajjiż;

Illi r-rapport tekniku msemmi aktar 'il fuq jibbaża r-rakkomondazzjoni tiegħu fuq l-argumenti mressqa mill-kumpannija Peninsula Developments Ltd[30], li huma (i) mill-aspett ta' ippjanar u maniġġjar ta' traffiku, ikun aħjar jekk l-aċċess għal parkeġġ ikun minn fuq art li fil-preżent issejjaħ lilha mit-triq prinċipali; (ii) il-kumpannija ilha mwaqqfa bħala lukanda għal numru ta' snin u tħaddem 'il fuq minn tliet mija u ħamsin (350) ruħ; kif ukoll (iii) l-fatt li jekk l-offerta tagħha tintlaqa', din ser twassal biex l-istabbilimenti tagħha jintlaħqu aktar mill-pubbliku, bil-konsegwenza pożittiva għall-interessi tal-pubbliku ġenerali nnifsu u l-ekonomija tal-pajjiż tmur aħjar. Fuq dan l-aħħar punt, ir-rapport jisħaq illi l-*Casino*, li jiġġenera dħul finanzjarju qawwi għall-Gvern, għandu nuqqas kbir ta' parkeġġ. Fil-preżent jiflaħ biss mija erbgħa u tletin (134) vettura, u għaldaqstant parkeġġ akbar għandu jservi ta' inċentiv sabiex il-*Casino* jintlaħaq aħjar[31];

Illi minn naħa tal-Kummissarju mħarrek, l-għan tal-Gvern intlaħaq għaliex minn art mitluqa u li ma kellha ebda użu, wara l-ħruġ tas-sejħa għall-offerti saret art produttiva bi dħul ta' €67,700 fis-sena u b'titligħ fuqha ta' benefikat stabbli li seta' jibqa' jitgawda wkoll wara li tintemm il-konċessjoni[32];

Illi l-Qorti, qieset bir-reqqa l-argumenti varji li tressqu quddiemha. F'każ bħal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li għandha tuża biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-deċiżjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li ttiehed minn persuna raġonevoli;

Illi, meqjusa ċ-ċirkostanzi kollha rilevanti, il-Qorti tasal għall-fehma illi fis-sejħa għall-offerti, il-Kummissarju mħarrek mexa sewwa meta jispeċifika illi kien ser jiġi eżerċitat il-jedd ta' l-ewwel rifjut, għaliex b'hekk kien qiegħed jitfa' l-karti kollha fuq il-mejda. Madankollu, bil-kundizzjonijiet marbuta mal-eżerċizzju ta' dak il-jedd, fetaħ is-sejħa għal kulħadd u seta' jiggarantixxi li jġib l-aħjar prezz fis-suq;

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-Kummissarju mħarrek ma kellux għalfejn ma joqgħodx fuq ir-rakkomandazzjoni tal-esperti dwar jekk għandux jingħata l-jedd ta' l-ewwel rifjut u min kien l-aħjar fost l-offerenti li seta' jibbenifika minn dan il-jedd. Il-Qorti qieset ukoll il-fatt illi l-attur ma rnexxilux jipprova li l-Kummissarju mħarrek ħa deċiżjoni msejsa fuq għanijiet mhux xierqa jew kunsiderazzjonijiet mhux relevanti. Għaldaqstant bla ma l-Qorti tidħol f'aktar

[30] Dok. "IS4", para 4.2.2 – 4.2.4 f'paġ. 120 tal-proċess
[31] Ibid, para. 4.4.3 f'paġ. 122 tal-proċess
[32] Ara x-xhieda ta' Iman Schemrbi, f'paġ. 130 tal-proċess

deliberazzjonijiet dwar dan il-parti tal-ilment, jidhrilha illi l-Kummissarju mħarrek għamel għażla għaqlija u raġonevoli meta aċċetta li jeżerċita l-jedd ta' l-ewwel rifjut. Minbarra dan, huwa mexa skond il-liġi u ma ma marx lill hinn mis-setgħat tiegħu. Għaldaqastant dik il-parti tal-ilment fl-ewwel talba attriċi marbuta mal-allegat ksur tal-artikolu 469A(1)(b)(iii) mhix tajba u mhix ser tintlaqa';

Illi l-Qorti jmissha tqis l-ilment marbut mal-ksur tal-prinċipju tal-ħaqq naturali. L-attur jgħid illi l-imħarrek ħa 'l fuq minn tlett xhur biex jagħtih tagħrif, u li, meta tahdak it-tagħrif, dan ma kienx sodisfaċenti. Dawn il-Qrati ilhom jisħqu li ċ-ċittadin għandu dejjem jingħata rispett mill-awtoritajiet, u l-informazzjoni għandha tingħatalu bi dritt u mhux b'konċessjoni[33]. Mill-provi mressqa, l-Qorti jirriżultalha li s-sejħa għall-offerti ma kinetx waħda faċli, u fejn kellha tittieħed deċiżjoni mgħaġġla fuqha, u għalhekk tasal li tifhem illi kien hemm il-ħtieġa li l-proċess jitmexxa f'ċerta diskrezzjoni u tieħu ż-żmien xieraq tagħha, anke jekk f'għajnejn l-attur dan kien jissarraf f'dewmien;

Illi, minbarra f'hekk, mill-provi lanqas ma jirriżulta li t-tagħrif li l-attur talab lill-Kummissarju mħarrek ma ngħatatlux. Mill-kontenut tal-*email* li l-avukat tal-attur bagħat lill-Kummissarju mħarrek f'Novembru tas-sena 2012[34], il-Qorti fehmet illi dak li l-attur kien qed jippretendi mingħand il-Kummissarju mħarrek kien tagħrif misjub fir-rapport imħejji mill-esperti li jġib id-data tal-31 ta' Awissu, 2012, iżda tqis illi ladarba dan kien rapport intern, ma kienx xieraq li jiġi ċċirkulat tagħrif pubblikament ma xiħadd mill-konkorenti, u bi ħsara tal-interessi ta' konkorrenti oħrajn, meta l-proċess tal-għażla kien għadu għaddej;

Illi dan kollu jwassal lill-Qorti għall-fehma illi l-ilment tal-attur marbut mal-allegat ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) għaldarb'ohra mhux mistħoqq u r-raġuni mressqa 'l quddiem mill-attur f'dan ir-rigward mhix tajba u m'għandhiex tintlaqa';

Illi għal dak li jirrigwarda **t-tieni u t-tielet talbiet attriċi**, dwar il-ħlas tad-danni għal dak li seħħ, xieraq jingħad li d-danni li jintalbu taħt l-artikolu 469A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huma marbutin sfiq mar-responsabbiltà li ġġib fuqha l-awtorità pubblika bi twettiq ta' delitt jew kwazi-delitt li joħroġ mill-għemil amministrattiv impunjat. Għaldaqstant jekk, bħal f'dan il-każ, ma jirriżultax li l-għemil amministrattiv kien wieħed ċensurabbli, ma hemm lok għall-ebda kundanna tad-danni;

Illi għalhekk, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, lanqas dawn it-talbiet ma huma mistħoqqa u l-Qorti mhix sejra tilqagħhom;

---

[33] P.A. GCD **30.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***George Aquilina vs Direttur tal-Artijiet*** (mhux appellata)
[34] Dok. "H" f'paġ. 44 tal-proċess

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel eċċezzjoni** fid-dawl tad-degriet mogħti fis-27 ta' Settembru, 2013;

**Tiċħad it-talbiet attriċi** billi ma jirriżultax li l-għemil amministrattiv imwettaq mill-Kummissarju mħarrek sar bi ksur ta' dak li jipprovdu d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 469A(1)(b)(ii) u (iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu** tal-Kummissarju mħarrek; u

**Tordna** li l-attur jħallas l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**27 ta' Ġunju, 2019**

**Marisa Bugeja**

**Deputat Registratur**

**27 ta' Ġunju, 2019**